A.L. 10 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Communications (Honours) - B.Comms (Hons) – u Bachelor of Communications - B.Comms - taħt l-awspiċji taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titlu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Communications (Honours) - B.Comms (Hons) - u Bachelor of Communications - B.Comms - taħt l-awspiċji taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni;

"il-Grad" tfisser il grad ta' Bachelor of Communications (Honours) - B.Comms (Hons) - jew il-grad ta' Bachelor of Communications - B.Comms – kif xieraq;

"il-Kors" tfisser il-programm tal-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Communications (Honours) - B.Comms (Hons) - jew għall-grad ta' Bachelor of Communications - B.Comms – kif xieraq; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. (1) Il-grad ta' B.Comms (Hons) jista' jingħata taħt l-awspiċji taċ-Ċentru fil-Komunikazzjoni bħala l-qasam ta' studju Prinċipali bl-Unuri flimkien ma' qasam ta' studju ieħor magħżul bħala qasam ta' studju Prinċipali Ordinarju.

(2) Il-grad ta' B.Comms jista' jingħata taħt l-awspiċji taċ-Ċentru fil-Komunikazzjoni bħala l-qasam ta' studju Prinċipali Ordinarju flimkien ma' qasam ta' studju Prinċipali Ordinarju ieħor.

(3) Il-Bord għandu jħabbar il-lista ta' l-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu mal-Komunikazzjoni fil-Grad qabel ma jibda l-Kors.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

4. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul:

(a) ikollhom dawk il-kwalifiki rilevanti għat-tieni qasam ta' studju Prinċipali Ordinarju li għażlu kif indikat fl-ordinamenti għall-grad fil-qasam ta'

studju li jkunu għażlu offrut taħt l-awspiċji ta' l-entita' akkademika responsabbli għad-dixxiplina; u

(b) minn Ottubru 2005 'il quddiem, ikunu għaddew mill-Ilsien Ingliż fil-Livell tal-Matrikola Intermedju, jew l-ekwivalenti tiegħu.

It-Tul tal-Kors

5. (1) Il-Kors għall-grad ta' B.Comms (Hons) jinfirex fuq medda ta' erba' snin akkademiċi ta' studju fuq bażi *full-time*.

(2) Il-Kors għall-grad ta' B.Comms jinfirex fuq medda ta' tliet snin akkademiċi ta' studju fuq bażi *full-time.*

Il-Programm tal-Kors

6. L-applikanti jiġu mitluba li l-ewwel jirreġistraw għall-kors tal-B.Comms u jiġu miltuba jindikaw l-għażla tat-tieni qasam ta' studju Prinċipali li se jieħdu flimkien mal-Komunikazzjoni meta japplikaw għad-dħul.

7. Il-Kors jikkonsisti f'żewġ partijiet.

8. (1) L-Ewwel Parti tinkludi l-ewwel sentejn tal-Kors u hija komuni kemm għall-kors li jwassal għall-B.Comms (Hons) kif ukoll għall-kors li jwassal għall-B.Comms u tikkonsisti f':

(a) 64 kredtu fil-Komunikazzjoni kif indikat fil-programm ta' studju tal-Komunikazzjoni;

(b) 52 kredtu fit-tieni qasam ta' studju Prinċipali kif indikat fil-programm ta' studju ta' dak il-qasam; u

(ċ) 4 kredti fakultattivi approvati mill-Bord.

(2) Fl-aħħar ta' l-Ewwel Parti tal-Kors l-istudenti li jkunu kisbu marka medja ta':

(a) 70% jew aħjar fil-qasam ta' studju tal-Komunikazzjoni (li jeskludu s-suġġetti ta' appoġġ indikati fil-programm ta' studju tal-Komunikazzjoni); u

(b) 60% jew aħjar fit-taqsimiet studju kollha ta' l-Ewwel Parti

jkunu eliġibbli biex jirreġistraw għall-kors li jwassal għall-B.Comms (Hons).

(3) Normalment l-istudenti jkunu miltuba li jipproċedu mill-ewwel mill-Ewwel Parti għat-Tieni Parti tal-Kors, iżda, madanakollu, l-istudenti ma jitħallewx jidħlu għat-Tieni Parti jekk tkun għaddiet iżjed minn sena minn meta jkunu spiċċaw l-Ewwel Parti mingħajr il-permess tas-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9. (1) It-Tieni Parti tikkonsisti fit-tielet sena tal-kors li jwassal għall-grad ta' B.Comms jew fit-tielet u fir-raba' sena tal-kors li jwassal għall-grad ta' B.Comms (Hons).

(2) It-Tieni Parti tal-kors għall-B. Comms (Hons) tikkonsisti f':

(a) 86 kredtu fil-Komunikazzjoni;

(b) 22 kredtu fil-qasam ta' studju Prinċipali magħżul fl-Ewwel Parti; u

(ċ) 12-il kredtu fakultattivi approvati mill-Bord.

(3) It-Tieni Parti tal-kors għall-B. Comms tikkonsisti f':

(a) 32 kredtu fil-Komunikazzjoni;

(b) 22 kredtu fit-tieni qasam ta' studju Prinċipali Ordinarju magħżul fl-Ewwel Parti; u

(ċ) 6 kredti fakultattivi approvati mill-Bord.

10. (1) L-istudenti għall-grad ta' B.Comms (Hons) għandhom jirreġistraw u jiksbu kredtu għal taqsimiet studju li għalihom huma assenjati total ta' mhux anqas minn 240 kredtu, li minnhom mhux anqas minn 150 kredtu għandhom jinkisbu mill-programm ta' studju tal-Komunikazzjoni u mhux anqas minn 74 kredtu mill-programm ta' studju tat-tieni qasam ta' studju Prinċipali.

(2) L-istudenti għall-grad ta' B.Comms għandhom jirreġistraw u jiksbu kredtu għal taqsimiet studju li għalihom huma assenjati total ta' mhux anqas minn 180 kredtu, li minnhom mhux anqas minn 96 kredtu għandhom jinkisbu mill-programm ta' studju tal-Kommunikazzjoni u mhux anqas minn 74 kredtu mill-programm ta' studju tat-tieni qasam ta' studju Prinċipali Ordinarju.

11. (1) Il-Bord għandu jippublika l-programm ta' studju għall-Komunikazzjoni bħala qasam ta' studju Prinċipali Ordinarju u bħala qasam ta' studju Prinċipali bl-Unuri, imħejji skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u bl-approvazzjoni tas-Senat. Suġġett għal xi tibdil li l-Bord jista', bl-approvazzjoni tas-Senat, ikollu jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti ndikati fil-programm ta' studju tal-Grad li qed isegwu.

(2) Il-programmi ta' studju għall-oqsma ta' studju Prinċipali li jistgħu jittieħdu flimkien mal-Komunikazzjoni fil-Kors għandhom ikunu ppubblikati bl-istess mod mill-Bord ta' l-entitajiet akkademiċi responsabbli għad-dixxiplini.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

12. L-evalwazzjoni globali ta' l-istudenti għall-Grad għandha tqis kif ikunu marru fit-taqsimiet studju (inklużi t-taqsimiet studju sinottiċi) fil-Komunikazzjoni, it-taqsimiet studju tat-tieni qasam ta' studju Prinċipali u, fil-każ tal-grad bl-Unuri, id-dissertazzjoni ppreżentata mill-istudenti.

13. (1) Fil-kors tal-B.Comms (Hons), ir-riżultati finali għandhom jiġu mwieżna kif ġej:

Marka Medja tat-Tielet Sena	40%
Marka Medja tar-Raba' Sena	60%.

Il-Marka Medja tar-Raba' Sena għandha tiġi mwieżna kif ġej: 70% imqassma għad-dissertazzjoni, it-taqsimiet studju sinottiċi u l-proġetti ta' tmiem-il kors (36 kredtu) fil-waqt li 30% jiġu mogħtija għall-kredti li jkunu nkisbu fit-taqsimiet studju l-oħra li jkunu għamlu matul dik is-sena (24 kredtu).

(2) Fil-kors tal-B.Comms, ir-riżultati finali għandhom jiġu mwieżna kif ġej:

Marka Medja ta' l-Ewwel Sena	25%
Marka Medja tat-Tieni Sena	25%
Marka Medja tat-taqsimiet studju sinottiċi tat-Tielet Sena	25%
Marka Medja tat-taqsimiet studju l-oħra tat-Tielet Sena	25%.